**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DIRETTIVA 2002/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Marzu 2002**

**dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 | L 311 | 1 | 21.11.2008 |

Emendata minn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►A1 | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2002/30/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Marzu 2002

## dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabBilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]),

Billi:

(1) Għan ewlieni tal-politika komuni dwar it-trasport huwa l-iżvilupp sostenibbli. Dan jitlob metodu integrat li jiżgura kemm il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' trasport tal-Komunità kif ukoll Il-ħarsien ta' l-ambjent.

(2) L-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru jirrIkjedi l-introduzzjoni ta' miżuri maħsuba biex inaqqsu l-ħoss mill-ajruplani fl-ajruporti li jkollhom problemi ta' ħoss.

(3) Ġew stabbiliti normi ġodda, aktar stretti dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-ħoss, imfissra fil-Volum 1, Part II, Kapitolu 4 ta' l-Anness 16 mal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u għandhom itejbu l-livelli ta' ħoss madwar l-ajruporti fit-tul.

(4) In-normi li jinsabu fil-Kapitolu 4 ġew stabbiliti għaċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajruplani u mhux bħala bażi għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-użu ta' l-ajruplani.

(5) L-irtirar gradwali ta' l-ajruplani li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 92/14 tat-2 ta' Marzu 1992 fuq il-limitazzjoni ta' l-użu ta' l-ajruplani koperti mill Parti II, Kapitolu 2, Volum 1 ta' l-Anness 16 mal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) ([5]) għandu jitlesta fl-1 ta' April 2002 u miżuri oħra jkunu jridu jittieħdu sabiex ma jerġgħux jogħlew il-livelli tal-ħoss wara l-2002, jekk ikompli jiżdied it-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

(6) L-użu ta' ajruplani li jħarsu l-ambjent aħjar jista' jikkontribwixxi għal użu aħjar tal-wisa' fl-ajruporti u jittejjeb l-iżvilupp infrastrutturali fl-ajruporti skond kif jitlob is-suq.

(7) Qafas komuni ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni fl-ajruporti ta' restrizzjonijiet fuq l-użu, bħala metodu bilanċjat ta' l-immaniġġjar tal-ħoss, għandu jgħin biex iħares il-kondizzjonijiet meħtieġa mis-suq intern billi jiddaħħlu restrizzjonijiet fuq l-użu simili fl-ajruporti li jkollhom bejn wieħed u ieħor l-istess

---

([1]) ĠU Ċ 75, E 26.3.02, p. 318.

([2]) Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Marzu 2002 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Opinjoni mogħtija f-14 ta' Marzu 2002 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Opinjoni tal-Prlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2002 (għada mhix applikati fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002.

([5]) ĠU L 76, 23.3.1992, p. 21. Direttiva kif l-aħħar emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 991/2001 (ĠU L 138, 22.5.2001, p. 12).

▼B

problemi ta' ħoss. Dan jinkludi l-istima ta' l-impatt tal-ħoss f'ajruport u l-evalwazzjoni tal-miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex jitnaqqas dak il-ħoss, u l-għażla tal-miżuri addattati sabiex jittaffa l-ħoss bil-għan li jinkiseb l-akbar benefiċċju ambjentali bl-anqas nefqa.

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nr 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 fuq l-aċċess għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità għar-rotot ta' l-ajru Komunitarji interni ([1]) kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 9 għal, fost l-oħrajn, il-pubblikazzjoni u l-eżaminazzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda fuq l-użu: għandha tiġi stabbilita r-relazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet mad-Direttiva.

(9) L-interess leġittimu tas-settur tat-trasport bl-ajru li jimplimenta soluzzjonijiet ekonomikament effiċjenti sabiex jintlaħqu l-livelli ta' ħoss mixtieqa.

(10) It-33 Assemblea ta' l-ICAO adottat ir-Risoluzzjoni A33/7 li tintroduċi l-kunċett ta' "metodu bilanċjat" għat-tnaqqis tal-ħoss, b'hekk twaqqaf politika għat-tnaqqis tal-ħoss ġenerat mill-ajruplani, inkluża l-għajnuna internazzjonali għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat skond l-ajruport. Il-kunċett ta' "metodu bilanċjat" sabiex jitnaqqas il-livell ta' ħoss ġenerat mill-ajruplani jinvolvi erba' elementi prinċipali u jitlob evalwazzjoni bir-reqqa ta' l-għażliet kollha possibbli sabiex jitnaqqas il-ħoss, inkluż it-tnaqqis tal-ħoss ta' l-ajruplani minn fejn ikun joriġina, l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art u l-miżuri ta' amministrazzjoni, il-proċeduri operattivi ta' tnaqqis tal-ħoss u r-restrizzjonijiet fuq l-użu, bla ħsara għall-obligi legali relevanti, il-liġijiet li jkunu fis-seħħ u l-politika f'dan ir-rigward.

(11) Il-metodu bilanċjat huwa pass importanti biex jitnaqqas il-ħoss. Iżda sabiex ikun hemm tnaqqis tal-ħoss b'mod effettiv u sostenibbli, hemm bżonn ukoll ta' normi tekniċi aktar stretti, bħal normi tal-ħoss aktar stretti għall-ajruplani flimkien ma' l-irtirar ta' l-ajruplani li jagħmlu ħafna ħoss.

(12) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-istima u l-immaniġġjar tal-ħoss fl-ambjent ([2]) li hija miżura orizzontali li tkopri l-mezzi ta' trasport kollha introduċiet metodu komuni għall-istima u l-immaniġjar tal-ħoss fl-ambjent. Din għandha l-għan li timmonitora l-problema ambjentali kkawżata mill-ħoss f'żoni abitati prinċipali u fil-viċinanzi ta' infrastrutturi tat-trasport prinċipali, inklużi l-ajruporti, li tpoġġi għad-disposizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni fuq il-ħoss fl-ambjent u l-effetti tiegħu fuq il-pubbliku, u li titlob lill-awtoritajiet kompetenti li jfasslu pjanijiet ta' azzjoni bil-ħsieb li jevitaw jew inaqqsu l-ħoss fl-ambjent fejn ikun hemm bżonn u li jinżammu l-livelli ta' ħoss fl-ambjent fejn dawn ikunu tajbin.

(13) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337 tas-27 ta' Ġunju 1985 fuq l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([3]) diġà tipprovdi għall-evalwazzjoni komprensiva tal-proġetti ta' l-ajruporti inkluż it-tnaqqis tal-ħoss. Dan jista' jitqies li jilħaq, parzjalment, il-kondizzjonijiet meħtieġa skond din id-Direttiva fil-każ ta' proġetti ta' estensjoni ta' l-infrastruttura ta' l-ajruporti.

---

([1]) ĠU L 240, 24.8.92, p. 8.
([2]) Din id-Direttiva qed tiġi mfassla u għandha tapplika wara l-adozzjoni tagħha.
([3]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata permezz tad-Direttiva 97/11/KE, (ĠU L 73, 14.3.1997, p. 5).

▼B

(14) Evalwazzjoni ta' dan it-tip tista' turi li dawn l-għanijiet jistgħu biss jintlaħqu permezz ta' restrizzjoni fuq servizzi ġodda u l-irtirar gradwali ta' l-ajruplani li jilħqu l-istandard ta' ċertifikazzjoni tal-ħoss tal-Kapitolu 3 bi ftit.

(15) Għandha tiġi indirizzata l-problema tal-ħoss partikolari fl-ajruporti li jinsabu fiċ-ċentru ta' konurbazzjonijiet kbar ("l-ajruporti li jinsabu fl-ibliet") billi jiddaħħlu regoli aktar stretti.

(16) Hemm bżonn li titlesta l-lista indikattiva ta' l-ajruporti li jkunu jinsabu fl-ibliet skond l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri.

(17) L-infrastruttura ta' l-ajruporti għandha tiġi ffaċilitata biex jitħares l-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru.

(18) Hemm bżonn li jitħallew ikomplu l-miżuri eżistenti għat-tnaqqis tal-ħoss skond l-ajruport u għal ċerti tibdiliet tekniċi għar-restrizzjonijiet fuq l-operat ta' natura parzjali.

(19) Għandu jiġi evitat il-piż finanzjarju żejjed fuq il-pajjizi li jkunu qed jiżviluppaw billi jingħataw eżenzjonijiet, u dan għandu jinkludi l-miżuri għall-prevenzjoni ta' l-abbuż.

(20) Hemm bżonn li tiġi żgurata t-trasprenza u l-konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati rigward il-proposti dwar miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-ħoss, inkluż l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda fuq l-operat.

(21) L-operaturi għandhom ikunu avżati minn qabel fi żmien raġjonevoli meta jkunu se jiġu introdotti restrizzjoniet ġodda.

(22) Għandhom jiġu adottati disposizzjonijiet li jiżguraw id-dritt ta' appell kontra l-introduzzjoni restrizzjonijiet fuq l-operat għall-korp ta' appelli, li tista' tkun Qorti.

(23) Id-direttiva hija konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat fl-ajruporti tal-Komunità tista' tgħin sabiex il-livelli ta' ħoss fl-ambjent madwar l-ajruporti ma jmorrux lura, iżda hemm ċans li jinħoloq xi tfixkil għall-kompetizzjoni. Dan il-għan jista' għalhekk ikun milħuq b'mod aktar effettiv mill-Komunità permezz ta' regoli armonizzati fuq l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat bħala parti mill-proċess ta' l-immaniġġjar tal-ħoss. Id-Direttiva hija limitata għall-minimu li hemm bżonn sabiex jintlaħaq dan l-għan u ma tmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn għal dan il-għan.

(24) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(25) Il-miżuri li jinsabu f'din id-Direttiva jieħdu post dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/1999 tad-29 ta' April 1999 dwar ir-reġistrazzjoni u l-użu fit-territorju tal-Komunità ta' ċerti tipi ta' ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili li jkunu ġew immodifikati u ċertifikati mill-ġdid bħala li jilħqu l-livelli stabbiliti fil-Volum I, Parti II, Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili, it-tielet edizzjoni (Lulju 1993) ([2]) Minħabba f'hekkk dak ir-Regolament għandu jiġi abrogat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

([1]) ĠU L 184, 17.7.99, p. 23.
([2]) ĠU L 115, 4.5.99, p. 1.

▼B

*L-Artikolu 1*

**L-għanijiet**

L-għanijiet ta' din id-Direttiva huma

(a) li jiġu stabbiliti regoli sabiex il-Komunità tiffaċilita l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-użu b'mod konsistenti fl-ajruporti sabiex jiġi llimitat jew jitnaqqas l-ammont ta' persuni li jkunu milquta ħażin ħafna mill-effetti ħżiena tal-ħoss;

(b) li jinħoloq qafas li jħares il-bżonnijiet interni tas-suq;

(ċ) li jiġi promoss żvilupp tal-wisa' ta' l-ajruporti li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;

(d) li titħaffef il-kisba ta' l-għanijiet speċifiċi ta' tnaqqis tal-ħoss fl-ajruporti individwali;

(e) sabiex ikunu jistgħu jintgħażlu miżuri minn dawk disponibbli bl-għan li jinkiseb l-ikbar ġid għall-ambjent bl-anqas nefqa.

*L-Artikolu 2*

**Definizjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "Ajruport" tfisser ajruport ċivili fit-territorju tal-Komunità li fih isiru aktar minn 50 000 titjira ta' ajruplani bil-jet subsoniċi kull sena (titjira tfisser it-tlugħ jew nżul ta' ajruplan), meta jittieħed kont tal-medja ta' l-aħħar tliet snin qabel l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva;

(b) "Ajruport li jkun jinsab ġo belt" tfisser ajruport fiċ-ċentru ta' konurbazzjoni kbira, li ma jkun fih ebda *runway* li tippermetti ġirja qabel it-tlugħ ta' aktar minn 2 000 metru u li tipprovdi biss servizzi minn punt għal ieħor bejn jew fit-territorju ta' l-Istati Ewropej, fejn numru kbir ta' persuni jkunu effettwati b'mod ċar mill-ħoss ta' l-ajruplani u fejn kull żieda fit-titjiriet tkun ta' skomdu kbir minħabba l-ħsejjes estremi. Dawn l-ajruporti jinsabu elenkati fl-Annessi I. ►M1 ———— ◄

(ċ) "L-ajruplani bil-jet ċivili subsoniċi" l-ajruplani b'massa ta' tlugħ massima ċertifikata ta' 34 000 kg jew aktar, jew b'numru ta' postijiet massimu ċertifikat għat-tip ta' ajruplan li jkun ta' aktar minn 19 il-passiġġier, minbarra l-postijiet ta' l-ekwipaġġ;

(d) "l-ajruplani li jkunu jikkonformaw bi ftit" tfisser l-ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili, li jilħqu l-limiti taċ-ċertifikazzjoni li jinsabu fil-Volum 1, Parti II, 3 u 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali b'marġni kumulattiv ta' aktar minn 5ĦEPdB (Ħoss Effettivament Perċepit f'deċibel), il-marġni kumulattiv huwa l-figura espressa fl-ĦEPdB meta jiżdiedu l-marġni individwali (fi kliem ieħor, id-differenza bejn l-livell ta' ħoss ċertifikat u l-ogħla livell ta' ħoss permess) f'kull wieħed mit-tliet puni ta' referenza għall-kejl tal-ħoss kif imfissra fil-Volum 1, Parti II, 3 jew 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali;

(e) "Ir-restrizzjonijiet fuq l-operat" tfisser il-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-ħoss li jillimitaw jew inaqqsu l-aċċess ta' l-ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili għal ajruport. Dan jinkludi r-restrizzjonijiet fuq l-operat mmirati sabiex jiġu rtirati l-ajruplani li jkunu jikkonformaw bi ftit f'ċerti ajruporti kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-operat ta' natura parzjali, li jeffettwaw l-użu ta' ajruplani subsonici ċivili skond il-perjodu;

(f) "Il-partijiet interessati" il-persuni fiżiċi jew legali effettwati jew li x'aktarx ikunu effettwati minn, jew li jkollhom interess leġittimu fl-introduzzjoni ta', miżuri ta' tnaqqis tal-ħoss, li jinkludu r-restrizzjonijiet fuq l-operat;

▼B

(g) "Il-Metodu Bilanċjat" għandu jfisser metodu li bih l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-miżuri disponibbli sabiex tiġi solvuta l-problema tal-ħoss f'ajruport fit-territorju tagħhom, jiġifieri l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-ħoss ta' l-ajruplani minn fejn joriġina, l-ippjanar u l-immaniġjar ta' l-użu ta' l-art, il-proċeduri għat-tnaqqis tal-ħoss u r-restrizzjonijiet fuq l-operat.

▼M1

Il-Kummissjoni tista' tadatta l-Anness I. Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).

▼B

*L-Artikolu 3*

**L-awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-materji li jaqgħu taħt din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

**Ir-regoli ġenerali fuq l-immaniġjar tal-ħoss ta' l-ajruplani**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw metodu bbilanċjat biex jaffrontaw il-problemi li għandhom x'jaqsmu mal-ħoss fl-ajruporti fit-territorju tagħhom. Jistgħu wkoll jikkunsidraw l-inċentivi ekonomiċi bħala miżura għall-immaniġġjar tal-ħoss.

2. Meta jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet fuq l-operat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont l-ispejjeż li x'aktarx ikun hemm bżonn u l-benefiċċji tad-diversi miżuri disponibbli kif ukoll bħala karatteristiċi speċifiċi għal kull ajruport.

3. Il-miżuri jew kumbinazzjoni ta' miżuri meħuda skond din id-Direttiva m'għandhiex tkun aktar restrittiva milli jkun hemm bżonn sabiex jinkiseb l-għan ambjentali stabbilit għal ajruport partikolari. M'għandhomx jiddiskriminaw fuq bażi tan-nazzjonalità jew l-identità tal-kumpanija ta' l-ajru jew il-manifattur ta' l-ajruplan.

4. Ir-restrizzjonijiet ta' l-operat skond il-prestazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni tal-ħoss ta' l-ajruplani skond il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni li tkun saret skond il-Volum 1 sa 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċiviili Internazzjonali, it-tielet edizzjoni, (1993).

*L-Artikolu 5*

**Ir-regoli ta' l-istima**

1. Meta tkun qed tiġi kkunsidrata deċiżjoni fuq ir-restrizzjonijiet ta' l-operat, għandu jittieħed kont ta' l-informazzjoni kif tkun msemmija fl-Anness II, sa fejn ikun possibbli, għar-restrizzjonijiet fuq l-operat u għal karatteristiċi ta' l-ajruport.

2. Fejn il-proġetti ta' l-ajruporti jkunu soġġetti għal studju fuq l-impatt ambjentali b'mod konformi mad-Direttiva 85/337, l-istudju mwettaq skond dik id-Direttiva għandu jitqies li jilħaq il-kondizzjonijiet mitluba fil-paragrafu 1, diment li dak l-istudju jkun ikkunsidra sa fejn possibbli l-informazzjoni msemmija fl-Anness II ma' din id-Direttiva.

▼B

*L-Artikolu 6*

**Ir-regoli fuq l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-operat mmirati sabiex jiġu rtirati l-ajruplani li jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet neċessarji bi ftit**

1. Jekk l-evalwazzjoni tal-miżuri kollha disponibbli, inklużi r-restrizzjonijiet parzjali fuq l-operat, mwettqa b'mod konformi mal-kondizzjonjiet neċessarji skond l-Artikolu 5 turi li l-kisba ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva jitolbu l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet mmirati sabiex jiġu rtirati l-ajruplani li jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet neċessarji bi ftit, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw minflok il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) 2408/92 fl-ajruport li jkun qed jiġi kkunsidrat:

(a) sitt xhur wara t-tlestija ta' l-istudju u d-deċiżjoni fuq l-introduzzjoni ta' restrizzjoni fuq l-operat, m'għandhomx jitħallew isiru servizzi aktar minn dawk mħaddma fil-perjodu korrispondenti tas-sena ta' qabel b'ajruplani li jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet neċessarji bi ftit f'dak l-ajruport;

(b) mhux anqas minn sitt xhur wara dan, kull operatur jista' jkun mitlub li jnaqqas in-numru ta' movimenti ta' l-ajruplani tiegħu li jkunu jilħqu l-kondizzjonjiet neċessarji bi ftit li jkunu jaqdu dak l-ajruport b'rata annwali ta' mhux aktar minn 20 % tan-numru totali inizzjali ta' dawn il-movimenti.

2. Bla ħsara għar-regoli fuq kif issir l-istima ta' l-Artikolu 5, l-ajruporti fl-ibliet elenkati fl-Anness I jistgħu jintroduċu miżuri li huma aktar stretti, f'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni ta' ajruplani li jissodisfaw il-kondizzjonijiet neċessarji bi ftit diment li dawk il-miżuri ma jeffettwawx l-ajruplani bil-jet subsoniċi ċivili li jkunu konformi, jew permezz ta' ċertifikazzjoni oriġinali jew ċertifikazzjoni mill-ġdid, ma' l-istandards ta' ħoss fil-Volum 1, Part II, Kapitolu 4 sa 16 tal-Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

*L-Artikolu 7*

**Ir-restrizzjonijiet fuq l-operat eżistenti**

L-Artikolu 5 m'għandux japplika:

(a) ir-restrizzjonijiet fuq l-operat li jkunu ġà ġew stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

(b) tibdiliet tekniċi żgħar parzjali fuq ir-restrizzjonijiet fuq l-operat li ma jinvolvux spejjes konsiderevoli għal-linja ta' l-ajru fi kwalunke ajruport tal-Komunità li jkunu ġew introdotti wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

*L-Artikolu 8*

**L-eżenzjonijiet għall-ajruplani rreġistrati fil-pajjiżi li jkunu qed jiżviluppaw**

L-ajruplani li jkunu jikkonformaw bi ftit irreġistrati f'pajjiżi li jkunu qed jiżviluppaw għandhom, għal perjodu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jkunu eżenti mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, diment li:

(a) ajruplani bħal dawn, li ngħataw ċertifikati tal-ħoss skond l-istandards speċifikati fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3 ta' l-Anness 16 għal Konvenzjoni fuq l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, jkunu ġew użati fl-ajruport ikkonċernat bejn l-1 ta' Jannar 1996 u l-31 ta' Diċembru 2001 ("ir-referenza"), u

(b) dawn l-ajruplani kienu, fil-perjodu ta' referenza, fuq ir-reġistru tal-pajjiż li qed jiżviluppa kkonċernat u li jkompli jiġu operati minn persuna fiżika jew legali stabbilita f'dak il-pajjiż.

▼B

*L-Artikolu 9*

**Eżenzjoni mhux tas-soltu għall-operazzjonijiet ta' ajruplani**

F'każijiet individwali, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, fl-ajruporti li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom, l-operazzjonijiet individwali ta' ajruplani li jkunu konformi bi ftit li ma setgħux isiru fuq il-bażi tad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva.

Din l-eżenzjoni hija llimitata għal:

(a) dawk l-ajruplani li t-tħaddim individwali tagħhom huwa xi ħaġa tant rari li ma jkunx raġonevoli jekk ma tingħatax eżenzjoni temporanja;

(b) l-ajruplani fuq titjiriet li ma jkunx fihom qligħ sabiex isiru alterazzjonijiet, tiswijiet jew manteniment.

*L-Artikolu 10*

**Il-konsultazzjoni u t-trasparenza**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 5 u 6, il-proċeduri għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati jkunu stabbiliti skond il-liġi nazzjonali li tkun tapplika.

*L-Artikolu 11*

**Avviż minn qabel**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tiġi introdotta kull restrizzjoni fuq l-operazzjonijiet ġdida jingħata avviż pubbliku, li jinkludi spjegazzjoni tar-raġunijiet għalfejn tkun ġiet introdotta li jieħdu kont ta' l-elementi addattati għal metodu bilanċjat, lill-partijiet kollha interessati:

(a) sitt xhur qabel id-dħul fis-seħħ tal-miżuri li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 6(1)(a);

(b) sena qabel id-dħul fis-seħħ tal-miżuri li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 6(1)(b) u (2);

(ċ) fil-każ tal-miżuri taħt l-Artikolu 6, xahrejn qabel il-konferenza fejn isiru l-iskedi għall-perjodu li fih isiru l-iskedi relevanti-.

2. L-Istati Membri għandhom minnufih jinformaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull restrizzjoni fuq l-operat ġdida skond it-tifsira ta' din id-Direttiva li jkun ddeċidew li jintroduċu f'ajruport fit-territorju tagħhom.

*L-Artikolu 12*

**Id-dritt ta' appell**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-dritt ta' appell kontra l-miżuri meħuda skond l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7(b) quddiem bord ta' appell li ma jkunx l-awtorità li tkun adottat il-miżura kkontestata, skond il-leġislazzjoni u l-proċedura nazzjonali.

*L-Artikolu 13*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat mwaqqaf permezz ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 2408/92.

2. Il-Kumitat għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni fuq kull materja li għandha x'taqsam l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

▼M1

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

4. Il-Kumitat għandu jieħu nota ta' l-istimi li jkunu saru mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5, u tal-miżuri meħuda, jew li kien hemm ħsieb li jittieħdu, fuq il-bażi ta' dawk l-studji.

*L-Artikolu 14*

**L-informazzjoni u r-reviżjoni**

L-Istati Membri għandhom jissottomettu l-informazzjoni fuq l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni meta jiġu mitluba.

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun hemm bżonn, minn proposti għar-reviżjoni ta' din id-Direttiva.

Għandu jkun fih studju ta' l-effettività ta' din id-Direttiva, b'mod partikulari l-bżonn li tiġi riveduta d-definizzjoni ta' ajruplani li jkunu konformi bi ftit kif stabbilit fl-Artikolu 2(d) favur kondizzjonijiet meħtieġa aktar stretti.

*L-Artikolu 15*

**Ir-revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 925/1999 għandu jkun abrogat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 16*

**L-implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti, u d-disposizzjonjiet neċessarji sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva sat-28 ta' Settembru 2003 mill-aktar tard. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza ta' dan it-tip fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 17*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 18*

**L-indirizzati**

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS I*

**L-elenku ta' l-ajruporti fl-ibliet**

Berlin-Tempelhof

Stockholm Bromma

London City

Belfast City

▼A1

Port lotniczy Łódź - Lublinek

▼B

*ANNESS II*

**L-Informazzjoni li ssir riferenza għaliha fl-Artikolu 5(1)**

1. L-inventarju preżenti

1.1. Deskrizzjoni ta' l-ajruport inkluża l-informazzjoni dwar il-wisa' u l-pożizzjoni tiegħu, dak li jkun hemm madwaru, il-volum u l-kompożizzjoni tat-traffiku ta' l-ajru u t-ta' min juża r-*runway*.

1.2. Deskrizzjoni ta' l-għanijiet ambjentali għall-ajruport u l-kuntest nazzjonali.

1.3. Id-dettalji tal-profil tal-ħoss għas-sena attwali u dik ta' qabel - inkluż studju tan-numru ta' nies milquta mill-ħoss ta' l-ajruplani. Deskrizzjoni tal-metodu ta' komputazzjoni użat għall-iżvilupp tal-profili.

1.4. Deskrizzjoni tal-miżuri sabiex jitnaqqas il-ħoss ta' l-ajruplani li ġà ġew implimentati: per eżempju, l-informazzjoni fuq l-ippjanar u l-amministrazzjoni ta' l-użu ta' l-art; il-programmi ta' insulazzjoni tal-ħoss; il-proċeduri ta' operazzjoni bħall-PANS-OPS; ir-restrizzjonijiet fuq l-operazzjonijiet bħal-limiti tal-ħoss, il-limiti ta' bil-lejl/il-kerfju, ir-rotot tal-ħoss preferiti/it-teħid ta' rekords ta' dawn, u l-monitoraġġ tal-ħoss.

2. It-tbassir mingħajr miżuri ġodda

2.1. Deskrizzjoni ta' l-iżviluppi fl-ajruporti (jekk ikun hemm) li jkunu ġà ġew approvati u fil-programm, per eżempju, iż-żieda fil-wisa', ir-*runway* u/jew l-espansjoni, u fil-futur il-kompożizzjoni tat-traffiku u l-espansjoni stmata.

2.2. Fil-każ ta' l-estensjoni tal-wisa' ta' l-ajruporti, il-benefiċċji li dik il-wisa' addizzjonali ssir.

2.3. Deskrizzjoni ta' l-effett fuq l-ambjent tal-ħoss mingħajr miżuri ulterjuri, u ta' dawk il-miżuri ġà ppjanati sabiex inaqqsu l-impatt tal-ħoss fuq l-istess perjodu.

2.4. Il-profili tal-ħoss mbassra - inkluż stima tan-numru ta' nies li x'aktarx ikunu effettwati mill-ħoss ta' l-ajruplani - jagħmlu distinzjoni bejn iż-żoni residenzjali u ż-żoni residenzjali li jkunu għadhom kemm inbnew.

2.5. L-evalwazzjoni tal-konsegwenzi u l-impatt ekonomiku jekk ma tittiħidx azzjoni sabiex jitnaqqas l-impatt tal-ħoss miżjud- jekk ikun mistenni li jiġri.

3. L-istudju tal-miżuri addizzjonali

3.1. Skema tal-miżuri addizjonali disponibbli bħala parti mill-għażliet differenti msemmija fl-Artikolu 4(1) u b'mod partikolari indikazzjoni tar-raġunijiet prinċipali għall-għażla tagħhom. Deskrizzjoni ta' dawk il-miżuri magħżula għal analiżi ulterjuri u informazzjoni aktar kompleta fuq l-impatt ekonomiku ta' l-introduzzjoni ta' dawk il-miżuri; in-numru ta' nies mistennija li jibbenefikaw; u klassifikazzjoni ta' l-effettività globali tal-miżuri partikolari.

3.2. Studju tan-nefqa/effettività jew nefqa/benefiċċju ta' l-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi, wara li jittieħed kont ta' l-effetti soċjo-ekonomiċi tal-miżuri fuq dawk li jużaw l-ajruport: l-operaturi (il-passiġġieri u t-tagħbija); il-vjaġġaturi u l-komunitajiet lokali.

3.3. Deskrizzjoni qasira ta' l-effetti ambjentali u kompetittivi possibbli tal-miżuri proposti fuq ajruporti oħrajn, l-operaturi u l-partijiet interessati.

3.4. Ir-raġunijiet għall-għażla ta' l-alternattiva preferita.

3.5. Taqsira mhux teknika.

4. Ir-relazzjoni mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-istima u l-amministrazzjoni tal-ħoss fl-ambjent

4.1. Meta u fejn ikunu ġew ippreparati mapep tal-ħoss ikunu ġew ippreparati skond it-termini tad-Direttiva msemmija dawn jiġu użati sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba f'dan l-Anness.

4.2. L-istima tal-ħoss (jiġifieri t-twaqqif ta' profili tal-ħoss u n-numru ta' nies effettwati) għandu jsir mill-anqas bl-użu ta' mill-anqas l-indikaturi ta' ħoss minimu Lden u Lnight kif jingħad fid-Direttiva msemmija hawn fuq.